# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2001**

**Numru 5**

**Citazz. numru: 110/89L1 JDC**

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited; U b'nota tas-6 ta' Frar 1998 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u dana b'rizoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited tas-17 ta' Dicembru 1999; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awissu 1999 u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**vs**

**Agostino sive Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza ta' "The Orangery Ltd."**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc tad-9 ta' Ottubru 1995 li hekk tghid:-

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Frar 1989, li bih l-attur, fil-kwalita' tieghu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi b'kuntratti tal-14 ta' April 1986, in atti Nutar Carmel Mangion (Dokument "A") u iehor tat-13 ta' Novembru, 1986, in atti Nutar Francis Micallef (Dokument "B") is-socjeta' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta facilita' ta' *overdraft* b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati;

U peress illi bi skrittura tat-3 ta' Janar 1986 (Dokument "C") gie miftiehem illi jghaddi imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq id-debitu tal-konvenut nomine;

U peress illi s-somma dovuta llum in restituzzjoni ta' l-avvanz imsemmi tlahhaq l-ammont ta' Lm23,486.23,7 u dana oltre l-imghax tat-8% mit-23 ta' Settembru 1988 (Dokument "D");

U peress illi l-konvenut nomine, interpellat ihallas dana d-debitu, baqa' inadempjenti (Dokument "E");

L-istess attur nomine talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, erbgha mija u sitta u tmenin lira, tlieta u ghoxrin centezmu u seba' millezmi (Lm23,486.23,7) in restituzzjoni ta' somom avvanzati lis-socjeta' konvenuta, u dana oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija mit-23 ta' Settembru, 1988.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Novembru 1988, u dawk tal-mandat ta' sekwestru tallum kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. In-nullita' tal-kuntratti li fuqhom hija bbazata t-talba attrici ghaliex il-konvenut ma kienx awtorizzat jikkuntratta mas-socjeta' attrici;

2. Minghajr pregudizzju l-konvenut ma jaqbilx mas-smma mitluba fic-citazzjoni senjatament jehtieg prospett ghall-komputazzjoni ta' l-imghaxijiet.

Ezaminat il-provi li tressqu u rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eccezzjoni.

Irrizulta li in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni, giet intavolata kawza *ad hoc* sabiex il-kuntratti li jissemmew fil-kawza odjerna jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi, ezattament b'citazzjoni numru 82/90 prezentata quddiem din il-Qorti, fl-ismijiet: "Dottor Anthony H. Farrugia nomine vs Vernie Carbone nomine et".

Il-bazi ta' din il-pretensjoni kienet *inter alia* li l-minuri Rowan u Fabienne ahwa Carbone kellhom il-maggoranza assoluta ta' l-ishma fis-socjeta' "The Orangery Limited" u li Winston Carbone, missier il-minuri, meta deher ghas-socjeta' msemmija fuq il-kuntratti –

> "abbuza mis-setgha tieghu sew ta' missier ….. kif ukoll ta' direttur"

u li inoltre huwa ma kellux l-awtorizzazzjoni ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili u li –

> "ghalhekk kull ma sar fl-imsemmija kuntratti u skritturi mis-socjetajiet konvenuti kif rapprezentati huwa null u bla effett fil-ligi."

Fl-istess kawza gie mharrek ukoll il-Mid-Med Bank Ltd. Li kkontesta l-pretensjonijiet tal-familja Carbone.

Illi l-kawza odjerna kienet waqfet tinstema' (ara l-verbal tas-seduta tat-28 ta' gunju, 1990) billi deher opportun li din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza proposta mill-minuri.

Illi effettivament dik il-kawza giet deciza minn din il-Qorti, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Albert Manche', fil-11 ta' Novembru 1994, b'ezitu sfavorevoli ghall-atturi.

Illi wara li nghatat din is-sentenza, il-kawza odjerna thalliet ghall-5 ta' Gunju, 1995, ghall-provi kollha tal-partijiet.

Illi dakinhar il-Banka attrici kkonkludiet il-provi taghha izda hadd ma deher ghas-socjeta' konvenuta u ghalhekk il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti ezaminat akkuratament is-sentenza citata moghtija fil-11 ta' Novembru 1994 (Citaz. Nru: 82/90) li biha *inter alia* gew michuda t-talbiet attrici dedotti f'dik il-kawza, liema talbiet kienu jinkludu talba ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-kuntratti li fuqhom l-attur odjern qed jibbaza t-talba tieghu.

Dina l-Qorti tikkondividi pjenament ir-ragunamenti li hemm f'dik is-sentenza u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine.

Ikkunsidrat dwar it-tieni eccezzjoni.

Illi l-Banka attrici, apparti li pprezentat kopji tal-kuntratti msemmija, esibiet ukoll 15-il dokument (ara EM1 sa EM15 – a fol. 28 sa 42 tal-process), li huma "statement of account" tas-socjeta' konvenuta mid-data tal-ftuh tal-kont sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Dawn l-istatements juru dettaljatament kull partita li bih il-kont tas-socjeta' konvenuta gie addebitat u akkreditat, b'mod li l-kreditu tal-Banka attrici, pretiz fic-citazzjoni odjerna jinsab sostanzjat mill-istess statement, kif imsahhah mix-xhieda li ressaq l-attur.

Bit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut nomine semplicement issottomett li ma jaqbilx mas-somma mitluba fic-citazzjoni. Nonostante li l-istatements imsemmija gew esebiti f'Mejju 1989, il-konvenut qatt ma specifika liema partiti partikulari qieghed jikkontesta u qatt ma ta r-raguni preciza ta' l-istess kontestazzjoni.

Illi f'cirkostanzi bhal dawn, tidher haga evidenti li din il-Qorti ma tistax tikkonsidra, wisq anqas tilqa', it-tieni eccezzjoni, li tinsab kontradetta mill-provi li ressaq l-attur nomine u li jiggustifikaw it-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba ta' l-attur nomine, bl-imghaxijiet mitluba – bl-ispejjez kollha a kariku ta' l-istess konvenut nomine."

Rat ir-rikors ta' l-appell ipprezentat mill-konvenut nomine fit-30 ta' Ottubru 1995 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Rat ir-risposta ta' l-appellat nomine tal-10 ta' Novembru 1995.

Rat l-atti l-ohra kollha processwali f'dan l-appell.

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta' din il-kawza jittratta talba ghall-kundanna ta' hlas ta' ammonti mislufa mill-Bank attur lis-socjeta' konvenuta b'forma ta' *overdraft* f'zewg kuntratti iskritti rispettivament fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tal-14 ta' April 1986 u fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-13 ta' Novembru 1986 kif ukoll permezz ta' skrittura privata tat-3 ta' Jannar 1986.

Fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fil-Prim'Istanza din il-kawza kienet dejjem giet differita biex tistenna l-ezitu ta' kawza ohra (Citazz. Nru: 82/90) peress illi permezz ta' din il-kawza l-ohra l-validita' tal-kuntratti/skrittura fuq mensjonati kienu qed jigu attakkati. Dik il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru 1994 mil-liema sentenza sar appell.

Dan l-appell gie deciz minn din il-Qorti llum stess fejn b'sentenza moghtija fl-ismijiet "Dr. Anthony Farrugia nomine vs Winston Carbone nomine" (Citazz. Nru: 82/90) din il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat il-validita' tal-kuntratti/skritturi meritu ta' din il-kawza.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni din il-Qorti ftit li xejn jidhrilha illi ghandha, jew tista', izzid ma' dak deciz fil-Prim'Istanza hlief li tirribadixxi illi filwaqt illi l-Bank attur gab il-provi kollha rikjesti mil-ligi biex jissostanzja t-talbiet tieghu dawn il-provi ma gew bl-ebda mod konkretament kontradetti mis-socjeta' konvenuta li semplicement issottomettiet li ma qablitx mas-somom mitluba fic-citazzjoni minghajr ma marret oltre biex ipprecizat il-partiti li kienet qieghdha tikkontesta w ir-raguni preciza ta' din il-kontestazzjoni.

Filwaqt ghalhekk li ssir piena riferenza ghall-esposizzjoni tal-fatti u ghall-ezami tal-punti ta' dritt li saru fis-sentenza fuq citata li jwasslu lil din il-Qorti li, f'din is-sentenza, tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata u ghalhekk tichad dan l-appell, bl-ispejjez tal-Prim'Istanza jithallsu kif deciz, filwaqt illi dawk ta' l-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u dan ukoll ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza ta' l-appell fil-kawza Citaz. Nru. 82/90 fuq citata.

Deputat Registratur rf.